

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-18 ta' Lulju 2018****dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta bit-titolu "Ċittadinanza Permanenti tal-Unjoni Ewropea"****(It-test Ingliż biss huwa awtentiku)**

(2018/C 264/05)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Is-suġġett tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta bit-titolu "Ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea Permanenti" (*Permanent European Union Citizenship*) jirreferi għal li ġej: "L-ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea".
- (2) L-objettivi tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta jirreferu għal dan li ġej: "L-ċittadini tal-UE jeleġġu l-Parlament Ewropew u jieħdu sehem f'ħidmietu, biex b'hekk jeżerċitaw id-drittijiet tat-trattat, isaħħu d-demokrazija tal-Unjoni u jsaħħu ċ-ċittadinanza tagħha. Fil-kunsiderazzjoni tal-fehma QtĠ dwar iċ-ċittadinanza tal-Unjoni bħala l-"istatus fundamentali" taċ-ċittadini tal-Istati Membri, u li l-Brexit se ċċaħħad lil miljuni ta' ċittadini tal-UE minn dan l-istatus u mill-vot tagħhom fl-elezzjonijiet Ewropej, titlob lill-Kummissjoni ttipponi mezzi biex jiġi evitat ir-riskju ta' telf kollettiv taċ-ċittadinanza u tad-drittijiet tal-UE, u biex tassigura liċ-ċittadini kollha tal-UE li, ladarba jiksuh, dan l-istatus huwa permanenti u d-drittijiet tagħhom jiġu akkwistati".
- (3) It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jirrinforza ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jsaħħaħ aktar il-funzjonament demokratiku tal-Unjoni billi jipprovi, inter alia, li kull ċittadin ikollu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni permezz ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.
- (4) Għal dan il-għan, il-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-inizjattiva taċ-ċittadini għandhom ikunu ċari, sempliċi, faċli biex jintużaw u proporzjonati man-natura tal-inizjattiva taċ-ċittadini sabiex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u biex l-Unjoni ssir aktar aċċessibbli.
- (5) Jista' jiġi adottat att legali tal-Unjoni sabiex jiġu implimentati t-Trattati fil-qasam tad-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiż terz residenti legalment fi Stat Membru, inklużi l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-libertà ta' moviment u ta' residenza fi Stati Membri oħra tal-UE. Filwaqt li tali att legali jista' ma jikkonċedix id-dritt tal-vot jew li wieħed joħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew liċ-ċittadini ta' stat li jkun irtira mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 TUE, dan jista' jikkonċedi ċerti drittijiet simili għad-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni li jiċċirkolaw u jirresjedu liberament fit-territorju tal-Istati Membri liċ-ċittadini ta' tali stat. Barra minn hekk, id-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE, li diġà jkunu eżerċitaw il-moviment liberu tagħhom qabel l-irtirar ta' Stat Membru mill-Unjoni, u l-membri tal-familja tagħhom, jistgħu jkunu salvagwardati f'xi ftehim skont l-Artikolu 50 TUE.
- (6) L-inizjattiva taċ-ċittadini proposta ma taqax manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tressaq xi proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati, skont l-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament.
- (7) Jenħtieġ li l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta bit-titolu "Ċittadinanza Permanenti tal-Unjoni Ewropea" tiġi għaldaqstant irreġistrata,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inizjattiva taċ-ċittadini proposta bit-titolu "Ċittadinanza Permanenti tal-Unjoni Ewropea" hija b'dan irreġistrata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-23 ta' Lulju 2018.

⁽¹⁾ ĠU L 65, 11.3.2011, p. 1.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-organizzaturi (il-membri tal-kumitat taċ-ċittadini) tal-inizjattiva proposta taċ-ċittadini bit-titolu "Ċittadinanza Permanenti tal-Unjoni Ewropea", rappreżentati mis-Sinjuri Anthony SIMPSON, u Dexter WHITFIELD li jaġixxu bħala persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2018.

Għall-Kummissjoni

Frans TIMMERMANS

L-Ewwel Viċi President
